

Brussell, 15 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7294/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0202(COD)**

CODEC 348
CLIMA 121
ENV 224
ENER 112
TRANS 89
COMPET 188
ECOFIN 233
PE 22

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburg, 13 sas-16 ta' Marzu 2023)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Cyrus ENGERER (S&D, MT), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 30) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

Barra minn hekk, il-grupp ID ressaq emenda waħda (l-emenda numru 31).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fl-14 ta' Marzu 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 30) għall-proposta għal Deċiżjoni msemija hawn fuq. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif stipulat fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru qabel bejn l-istituzzjonijiet.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0067

Reviżjoni tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 (COM(2021)0571 – C9-0325/2021 – 2021/0202(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0571),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0325/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2021¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2022²,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Frar 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0045/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht³;

¹ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 175.

² ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ Din il-pożizzjoni tiegħu post l-emendi adottati fil-5 ta' April 2022 (Testi adottati, P9_TA(2022)0101).

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċizzjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁶,

⁴ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 175.

⁵ ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.

⁶ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2023.

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi⁷, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015 fl-ambitu tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (il-"Ftehim ta' Pariġi"), daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. ***Dak l-impenn ssaħħaħ bl-adozzjoni, fl-ambitu tal-UNFCCC, tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow fit-13 ta' Novembru 2021, li fih il-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, li serva bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi, tirrikonoxxi li l-impatti tat-tibdil fil-klima se jkunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1,5 °C, meta mqabbla ma' 2 °C, u tiddeċiedi li tagħmel sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C.***

⁷ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

- (2) ***L-urġenza tal-ħtieġa li l-oġġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 1,5 °C jibqa' possibbli saret aktar sinifikanti wara s-sejbiet fis-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima li t-tisħin globali ma jistax jiġi limitat għal 1,5 °C jekk ma jsirx minnufih tnaqqis qawwi u sostnut tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra f'dan id-deċennju.***
- (3) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (il-"Patt Ekoloġiku Ewropew").

- (4) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jgħaqqad sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi li jsaħħu lil xulxin u li huma maħsuba biex, sal-2050, tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u l-impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, **dik** it-tranżizzjoni **għandha aspetti ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll** impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati **u vulnerabbli**, bħall-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, **il-persuni** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju **u l-individwi u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju-baxx. Timponi wkoll sfidi akbar fuq ċerti reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni strutturalment żvantaġġati u periferiċi, kif ukoll fuq il-gżejjer.** Għalhekk, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.

- (5) Il-ħtieġa u l-valur ***li jitwettaq il-Patt*** Ekoloġiku Ewropew komplew jikbru fid-dawl tal-effetti serji ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Dawk l-effetti wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom fir-rigward tax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jipprevjenu jew jimmitigaw l-effetti tax-xokkijiet esterni ***b'mod li jkun ġust u li jwassal biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inklużi dawk f'riskju ta' faqar enerġetiku***. Iċ-ċittadini Ewropej qed ikomplu jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima.
- (6) L-Unjoni impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030 fil-kontribut aġġornat stabbilit fil-livell nazzjonali ppreżentat lis-Segretarjat tal-UNFCCC fis-17 ta' Diċembru 2020.

- (7) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, l-Unjoni naqset ***fil-leġiżlazzjoni*** l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha ***sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li tikseb emissjonijiet negattivi wara dik id-data***. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990 sal-2030, ***u jiddisponi li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tagħmel l-almu tagħha biex tallinja l-abbozzi futuri kollha ta' miżuri jew proposti leġiżlattivi, inklużi l-proposti baġitarji, mal-objettivi ta' dak ir-Regolament u, fi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' allinjament, tagħti r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' allinjament bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawk il-proposti***.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

- (8) Is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1119. Għalhekk, l-ambizzjoni tas-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Kwoti ta' Emissjonijiet ("EU ETS"), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, jenħtieġ li tiġi aġġustata sabiex tkun konformi mal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha għall-2030, ***l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dik id-data, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119.***
- (9) Sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ strutturali bejn il-provvista ta' u d-domanda għal kwoti fis-suq, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ stabbiliet riżerva tal-istabbiltà tas-suq (ir-"riżerva") fl-2018, li ilha operattiva mill-2019. ***Mingħajr preġudizzju għal reviżjonijiet oħra tar-riżerva bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fl-2023, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja kontinwament il-funzjonament tar-riżerva u tiżgura li r-riżerva tinżamm adegwata għall-iskop tagħha f'każ ta' xokkijiet esterni imprevedibbli fil-futur. Riżerva robusta u li tħares 'il quddiem hija essenzjali biex tiġi żgurata l-integrità tal-EU ETS u biex l-EU ETS tiġi ġestita b'mod effettiv bil-għan li tkun tista' tikkontribwixxi, bħala għodda ta' politika, biex l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2050 u biex l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi jintlaħaq wara dik id-data, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119.***

⁹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negożjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1).

- (10) Ir-riżerva tiffunzjona billi tattiva aġġustamenti għall-volumi annwali ta' kwoti li jridu jiġu rkantati. Sabiex jinżamm grad massimu ta' prevedibbiltà, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 stabbiliet regoli ċari għat-tqegħid ta' kwoti fir-riżerva u għar-rilaxx tagħhom minnha.
- (11) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tid disponi li, meta l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla mil-limitu massimu stabbilit, għadd ta' kwoti li jikkorrispondi għal perċentwal partikolari ta' dak l-għadd totali ta' kwoti jrid jitnaqqas mill-volumi ta' kwoti li jridu jiġu rkantati u mqiegħda fir-riżerva. Bil-maqlub, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jaqa' taħt il-livell minimu stabbilit, għadd ta' kwoti jrid jiġi rilaxxat mir-riżerva lill-Istati Membri, u jiżdied mal-volumi tal-kwoti li jridu jiġu rkantati..

- (12) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ emendat id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 billi rduppjat ir-rata perċentwali li trid tintuża biex tiddetermina l-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu kull sena fir-riżerva minn 12 % għal 24 % sal-31 ta' Diċembru 2023 bl-għan li ***jiġi pprovdut sinjal ta' investiment kredibbli ħalli l-emissjonijiet tas-CO₂ jitnaqqsu b'mod kosteffiċjenti. Dik l-emenda ġiet adottata fil-kuntest tal-mira klimatika preċedenti tal-Unjoni għall-2030 li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha jitnaqqsu b'mill-inqas 40 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990.***
- (13) F'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, fi żmien tliet snin mill-bidu tal-operat tar-riżerva, il-Kummissjoni kellha twettaq l-ewwel rieżami tar-riżerva tagħha abbażi ta' analiżi tal-funzjonament ordnat tas-suq Ewropew tal-karbonju u, meta xieraq, tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

- (14) Fir-rieżami tar-riżerva li twettaq f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari lir-rata perċentwali biex jiġi determinat l-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu fir-riżerva, kif ukoll lill-valur numeriku tal-livell limitu għall-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni u l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rilaxxati mir-riżerva.
- (15) L-analiżi mwettqa fil-kuntest tar-rieżami tal-Kummissjoni tar-riżerva u l-iżviluppi mistennija rilevanti għas-suq tal-karbonju juru li rata ta' 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni biex jiġi determinat l-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu fir-riżerva kull sena wara l-2023 hija insuffiċjenti biex tipprevjeni żieda sinifikanti fis-surplus ta' kwoti fl-EU ETS. ***Iż-żamma tar-rata ta' 24 % f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal reviżjonijiet oħra tar-riżerva, inkluż, jekk xieraq, reviżjoni ulterjuri tar-rata perċentwali biex jiġi determinat l-għadd ta' kwoti li jridu jitqiegħdu fir-riżerva, bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tad-Direttiva 2003/87/KE u tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fl-2023.***

- (16) *Minħabba li l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-kontinwazzjoni tal-parametri attwali tar-riżerva kif stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2018/410, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.*
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Fl-Artikolu 1(5), l-ewwel subparagrafu, tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel u t-tieni sentenzi ta' dan is-subparagrafu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-perċentwali u l-100 miljun kwota msemija f'dawk is-sentenzi għandhom jiġu rduppjati.".

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
